## KONKORS TA' WIRJA TEATRALI

### SITT PREMJIJIET U GHOTI TA' DIPLOMA

### KONDIZZJONIJIET

Sejjer isir Konkors għall-aħjar wirja teatrali. Il-produzzjoni tista' tkun bozzett drammatku jew kummiedja b'att wieħed.

1. Il-produzzjoni trid tkun xogħol oriġinali jew traduzzjoni, b'tul ta' bejn tliet kwarti u siegħa.

2. L-ebda attur jew attriċi ma jistgħu jidhru f'iżjed minn produzzjoni waħda.

3. L-organizzaturi jistgħu jirrifjutaw kull produzzjoni u kull kumpannija li jkun jidhrilhom li ma jagħmlux ġieħ lill-Palk Malti.

4. Jekk kumpanija, wara li tkun daħlet għall-konkors, tonqos li tieħu sehem fir-reċta mħabbra, teħel multa ta' £10 li għalihom ikollu jidħol garanti d-Direttur tagħha.

5. It-teatru fejn isiru l-produzzjonijiet tal-konkors, jingħażel u jitħallas mill-organizzaturi.

6. Il-Konkors isir jekk ikun hemm konkorrenti biżżejjed billi n-nefqa tilħaq iżjed minn £200.

7. Kopja ta' kull produzzjoni għandha tintbagħat lis-Sur Nikol Biancardi, 66, Tower Road, Sliema, bl-isem ta' l-awtur u tal-kumpanija, kif ukoll bl-isem u l-indirizz tad-Direttur, mhux iżjed tard mill-25 ta' Marzu, 1946. Kopji meħudin bl-idejn ma jiġux aċċettati. Kull mistoqsija għandha ssir bil-Posta.

### £50 PREMIJIET

Jingħataw sitt premijiet: £18 lill-kumpanija li tiġi l-ewwel; £10 għat-tieni; £7 għall-aħjar xogħol oriġinali; £5 lill-aħjar attur; £5 lill-aħjar attriċi; u £5 lil min jarma l-palk bl-aħjar *messa-in-scena*.

Min ma jridx jieħu flus jista' jingħata oġġetti ta' l-istess valur tal-premju. Mal-premjijiet jingħataw Diplomi ffirmati mill-Eżaminaturi u mill-Organizzaturi.

### EŻAMINATURI

L-Eżaminaturi, li jassistu għal kull wirja—flimkien mal-pubbliku—huma t-Tabib Kavalier Ġuże' Galea, il-Prokuratur Legali Giaċinto Tua, u s-Sur Ġino Muscat Azzopardi. Id-deċiżżjoni ta' l-Eżaminaturi hija finali.

Il-kumpannijiet li jidħlu għall-konkors jingħataw kull tagħrif permezz ta' korrispondenza privata, ġurnali u Rediffusion.

## PREMJU: ĠUŻÈ MUSCAT-AZZOPARDI

Fil-waqt li mixjin fl-istampa ta' dan in-Numru ta' "Il-Malti", kellna l-pjaċir li tiġina f'idejna din il-kopja tal-proposta tal-"Premju Ġużè Muscat-Azzopardi", mogħti bħala donazzjoni minn fond imwaqqaf mis-Sur Ġino Muscat-Azzopardi bħala tifkira ta' missieru, il-mejjet u qatt minsi Ġużè Muscat-Azzopardi, l-aqwa Rumanzier u Poeta Malti tas-Seklu li għadda u l-ewwel President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Fil-waqt li rroddu ħajr minn qalbna għall-ħsieb hekk sabiħ li bih is-Sur Ġino sejjer iżejjen l-isem ta' missieru nixtiqulu kull riżq u għomor u hena f'daru u f'niesu bit-tama li ismu jibqa' wkoll fostna bħala tifkira għażiża ta' bin Ġużè Muscat-Azzopardi, li minnu huwa wiret "nofs is-sengħa".

---

1. Fl-4 ta' Awissu ta' kull sena — għeluq il-mewt ta' Ġużè Muscat-Azzopardi — midalja tad-deheb "standard" u cheque li jirrapreżenta l-bqija minn donazzjoni ta' £40, jingħataw lil min ikun iddistingwa ruħu l-aktar, bil-ħidma tiegħu, għall-iżvilupp ta' l-Ilsien Malti.

2. Ebda bniedem ma jkun jista' jieħu dan il-premju aktar minn darba.

3. F'naħa waħda tal-midalja jkun hemm minqux **PREMJU ĠUŻE' MUSCAT-AZZOPARDI**, eċċ., filwaqt li fuq in-naħa l-oħra jkun hemm minqux isem ir-rebbieħ, id-data, eċċ.

4. Ir-Rettur ta' l-Università ta' Malta, bħala rappreżentant tal-Gvern, flimkien mal-President tal-Għaqda tal-kittieba tal-Malti u ma' Ugo u Ġino Muscat-Azzopardi jiddeċiedu min ikun ħaqqu l-premju l-ewwel darba.

5. Is-snin ta' wara r-rebbieħ ikun magħżul mir-Rettur ta' l-Università, flimkien mal-President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u r-rebbieħ, jew rebbieħa tas-snin ta' qabel, u ma' Ugo u Ġino Muscat-Azzopardi, sakemm dawn idumu ħajjin.

6. Il-għażla tar-rebbieħ issir mill-Ġurija mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena.

7. Jekk ma' tul xi sena ma jkun hemm ħadd li fil-fehma tal-Ġurija jkun jistħoqqlu l-premju, dan il-premju jista' jkun mogħti s-sena ta' wara bid-data tas-sena ta' qabel.

8. Biex wieħed jieħu dan il-premju ma hemmx il-ħtieġa li jkun Malti jew li jkun igħammar f'dawn il-Gżejjer.

9. F'dan l-aħħar kas il-premju fl-4 ta' Awissu, jiġi mogħti lil min jinkariga r-rebbieħ sabiex jirċevih f'ismu.